

**Rikors ippreżentat fit-22 ta' Ottubru 2018 – Super bock group, SGPS vs EUIPO – Agus (Crystal)****(Kawża T-648/18)**

(2019/C 16/66)

*Lingwa tar-rikors: l-Ingliż***Partijiet**

*Rikorrenti:* Super bock group, SGPS SA (Leça do Balio, il-Portugall) (rappreżentant: J. Mioludo, avukat)

*Konvenut:* L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO)

*Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell:* Agus sp. z o.o. (Varsavja, il-Polonja)

**Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-EUIPO**

*Applikant għat-trade mark kontenzjuża:* il-parti l-oħra quddiem il-Bord tal-Appell

*Trade mark kontenzjuża kkonċernata:* applikazzjoni għat-trade mark verbali tal-Unjoni Ewropea “Crystal” – Applikazzjoni għal reġistrazzjoni Nru 15 016 728

*Proċedimenti quddiem l-EUIPO:* proċedimenti ta' oppożizzjoni

*Deċiżjoni kkontestata:* id-deċiżjoni tat-Tieni Bord tal-Appell tal-EUIPO tat-23 ta' Lulju 2018 fil-Każ R 299/2018-2

**Talbiet**

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

- tannulla d-deċiżjoni kkontestata;
- tiċħad l-applikazzjoni għar-reġistrazzjoni tat-trade mark tal-Unjoni Ewropea Nru 15 016 728 “Crystal” għall-prodotti kollha msemmija;
- tikkundanna lill-EUIPO u lil Agus sp. z o.o. għall-ispejjeż tagħhom stess kif ukoll għal dawk sostnuti mir-rikorrenti.

**Motiv invokat**

- Ksur tal-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament Nru 2017/1001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

---

**Rikors ippreżentat fid-29 ta' Ottubru 2018 – Reaktor Group vs EUIPO (REAKTOR)****(Kawża T-650/18)**

(2019/C 16/67)

*Lingwa tal-kawża: il-Finlandiż***Partijiet**

*Rikorrenti:* Reaktor Group Oy (Helsinki, il-Finlandja) (rappreżentant: L. Laaksonen, avukat)

*Konvenut:* L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO)

**Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-EUIPO**

*Trade mark kontenzjuża kkonċernata:* it-trade mark verbali tal-Unjoni REAKTOR – Applikazzjoni għal reġistrazzjoni Nru 13 752 522

*Deċiżjoni kkontestata:* id-deċiżjoni tat-Tieni Bord tal-Appell tal-EUIPO tas-27 ta' Awwissu 2018 fil-Każ R 2626/2017-2

**Talbiet**

Ir-rikorreni titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

- tannulla d-deċiżjoni kkontestata tat-Tieni Bord tal-Appell tal-EUIPO tas-27 ta' Awwissu 2018 fil-Każ R 2626/2017-2, sa fejn it-Tieni Bord tal-Appell ċaħad l-applikazzjoni Nru 13752522 għat-trade mark tal-Unjoni REAKTOR għal ċerti prodotti u servizzi fil-klassijiet 9, 41 u 42 skont l-Artikolu 7(1)(b) u (c) tar-Regolament Nru 2017/1001, u tilqa' b'mod sħiħ għall-pubblikazzjoni u r-reġistrazzjoni l-applikazzjoni għat-trade mark REAKTOR għall-prodotti u s-servizzi kollha koperti mill-applikazzjoni;
- tikkundanna lill-EUIPO għall-ispejjeż li hija sostniet fil-proċedura quddiem il-Qorti Ġenerali u fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell (inklużi l-ispejjeż ta' rappreżentanza).

**Motiv invokat**

- Ksur tal-Artikolu 7(1)(b) u (c) tar-Regolament Nru 2017/1001

---

**Rikors ippreżentat fit-12 ta' Novembru 2018 – Soundio vs EUIPO – E-Plus Mobilfunk (Vibble)**

**(Kawża T-665/18)**

(2019/C 16/68)

Lingwa tar-rikors: l-Ingliż

**Partijiet**

*Rikorreni:* Soundio A/S (Drammen, in-Norveġja) (rappreżentanti: N. Köster u J. Albers, avukati)

*Konvenut:* L-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO)

*Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell:* E-Plus Mobilfunk GmbH (Düsseldorf, il-Ġermanja)

**Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-EUIPO**

*Applikant għat-trade mark kontenzjuża:* ir-rikorreni

*Trade mark kontenzjuża kkonċernata:* ir-reġistrazzjoni internazzjonali tat-trade mark Vibble li tindika l-Unjoni Ewropea – Reġistrazzjoni internazzjonali Nru No 1 290 194 li tindika l-Unjoni Ewropea

*Proċedimenti quddiem l-EUIPO:* proċedimenti ta' oppożizzjoni

*Deċiżjoni kkontestata:* id-deċiżjoni tal-Ħames Bord tal-Appell tal-EUIPO tal-4 ta' Settembru 2018 fil-Każ R 721/2018-5